MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 147/1988/5

**Wara l-kawza deciza fl-appell fil-5 ta' Ottubru 2001**
**fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE**

**vs**

**Dottor Emanuel Cefai LL.D.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IR-RIKORS PROMOTORJU**

1. B'rikors ipprezentat mill-konvenut Dottor Emanuel Cefai fl-10 ta' Dicembru 2001 l-imsemmi rikorrent, wara li ppremetta li b'kawza fl-ismijiet premessi kienet inghatat sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Guido J. Vella A&CE – vs – Dottor Emanuel Cefai LL.D" in data tal-5 ta' Ottubru 2001 u li din ikkonfermat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Sede superjuri – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu; u wara li ppremetta wkoll li huwa ried jipprevalixi ruhu mill-fakolta` moghtija lilu bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex jinterponi ritrattazzjoni mill-istess sentenza talab li ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors, (u li din il-Qorti sejra taghmel accenn ghalihom uterjorment) li din il-Qorti,
(i) tirrevoka u thassar s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Perit Guido Vella A&CE – vs – Dottor Emanuel Cefai" (Citaz. Num. 147/88); u
(ii) tawtorizza r-ritrattazzjoni minn kull wiehed mill-kapi ta' l-istess sentenza fl-ismijiet imsemmija fil-paragrafu precidenti, u dan kif jirrizultaw mill-istess sentenza, u dan ai termini u a bazi tas-sub-inciz (e), (i), u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, salvi aggravji ohra li jistghu jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti, u li taghti kull provvediment necessarju fic-cirkostanzi.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

2. Il-procedura in ezami hija dwar talba ta' ritrattazzjoni minn sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ismijiet "Guido J. Vella A&CE – vs – Dottor Emanuel Cefai LL.D" (Citaz. Numru 147/88). Minhabba d-daqs tassew voluminuz li l-atti ta' din il-kawza assumew, ikun ferm utli li jinghata sunt ta' l-iter procedurali shih tal-vertenza qabel ma' din il-Qorti tghaddi ghad-deliberazzjonijiet taghha.

(i) Fil-21 ta' Novembru 1988 l-attur Guido Vella pprezenta citazzjoni fil-Qorti ta' Ghawdex (Sede Superjuri Civili) kontra l-konvenut Emanuel Cefai b'talba ghal hlas ghal servizzi professjonali fl-ammont ta' Lm5,507.00c jew ammont iehor verjuri, liema talba giet ikkonstestata mill-konvenut.

(ii) Fis-27 ta' Ottubru 1989 inghatat sentenza minn dik il-Qorti in parte dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet li gew respinti. Il-konvenut Cefai interpona appell u l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-4 ta' Novembru 1991 u l-atti gew ghalhekk rinvjati quddiem l-ewwel Qorti.

(iii) Fit-13 ta' Marzu 1992 gie mahtur perit tekniku, l-AIC Albert Cauchi, biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur fil-meritu. Minn dan id-digriet gie interpost appell iehor mill-konvenut Cefai.

Fl-14 ta' Jannar 1993 il-Qorti ta' l-Appell cahdet dana l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant, liema spejjez kellhom jithallsu doppji.

(iv) Fit-2 ta' Marzu 1998, il-perit tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu (fol. 195 – 200 tal-process) u fil-15 ta' Dicembru 1998 il-kawza giet differita ghall-1 ta' Gunju 1999 ghas-sentenza.

Fis-27 ta' Mejju 1999 (igifieri hames xhur u nofs wara l-verbal fuq imsemmi u erbat ijiem biss qabel ma kellha tinghata s-sentenza finali) il-konvenut talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza; l-isfilz tar-rapport tekniku u awtorizzazzjoni biex "jibda jressaq il-provi tieghu quddiem din il-Qorti". Dan ir-rikors gie michud fil-31 ta' Mejju 1999 (fol. 435 tal-process).

(v) Fl-1 ta' Gunju 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat- is-sentenza taghha billi laqghet it-talbiet attrici b'dan li kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm5507.00 ta' drittijiet professjonali, bl-ispejjez u interessi legali.

(vi) Fis-17 ta' Gunju 1999, il-konvenut Cefai intavola appell quddiem din il-Qorti ghall-fini tar-revoka tal-imsemmija sentenza.

Il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet finalment il-kawza fil-5 ta' Ottubru 2001 u dan billi cahdet l-appell u kkonfermat is-

sentenza ta' l-ewwel Qorti <u>in toto</u>, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghha dik il-Qorti ccensurat b'mod iebes l-mod abbuziv li bih il-konvenut inqeda' bil-proceduri gudizzjarji biex jipprova jistultifika l-andament tal-process u dan ghamlitu wara li l-istess Qorti ta' l-Appell ghamlet rassenja ta' dawn il-proceduri. Fost l-osservazzjonijiet taghha hemm li gej (fol. 482-483 tal-process),

“Din il-Qorti hadet il-briga li telenka diversi incidenti – hemm hafna ohrajn – li jillustraw l-atteggjament ghal kollox negattiv u auto-leziv irresponsabbli (sic) da parti ta' l-appellant ghaliex dawn fil-fehma taghha mhux biss jixhdu illi l-komportament tieghu kien jirrazenta d-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti imma wkoll ghaliex wahedhom ixejnu kull aggravju frivolu u vessatorju u fil-fehma tal-Qorti sfaccat li jipprova jaddebita xi nuqqas da parti ta' l-ewwel Qorti ta' imparzjalita` li setghet titwassal ghal lezjoni tal-jedd fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq”.

(vii) Fid-19 ta' Ottubru 1991, il-konvenut appellant (odjern rittrattant) ipprezenta <u>zewg</u> rikorsi quddiem din il-Qorti wiehed ghal fini ta' ritrattazzjoni u t-tieni wiehed b'talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001.

Fit-28 ta' Dicembru 2001 ir-rikors ghal fini ta' ritrattazzjoni gie dikjarat cedut, filwaqt li t-talba ghal fini ta' sospensjoni giet michuda b'digriet moghti fil-31 ta' Mejju 2002.

(viii) Fl-10 ta' Dicembru 2001, pero`, jirrizulta li fil-mori ta' l-istess kawza l-istess konvenut appellant kien rega' ppropona t-talba tieghu ghall-fini ta' ritrattazzjoni, bid-differenza li f'din it-tieni procedura t-talbiet tieghu gew ifformulati b'mod li din il-Qorti setghet tipprocedi bit-trattazzjoni ta' l-istess procedura.

Fil-31 ta' Mejju 2002, ir-ritrattant Cefai ipprezenta rikors ulterjuri ghall-fini tas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ai termini ta' l-art. 823 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'

Malta u iehor b'talba konnessa fl-14 ta' Gunju 2002. Din it-talba giet milqugha provvizzjorjament b'digriet moghti fit-2 ta' Lulju 2002 billi l-kawza kienet fil-frattemp giet imhollija ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Novembru 2002.

A skans ta' diffikultajiet futuri, din il-Qorti fl-ahharnett tirrileva wkoll li fil-mori ta' l-ewwel procedura ghall-fini ta' ritrattazzjoni, ir-ritrattant Cefai kien ipprezenta rikors addizzjonali in data tas-26 ta' Novembru 2001 fejn kien talab formalment ir-rikuza tal-President tal-Qorti ta' allura, igifieri l-Prim Imhallef Joseph Said Pullicino, kif ukoll ta' l-Imhallef Joseph D. Camilleri a bazi ta' l-Artikolu 734 (1) tal-Kap. 12. Tajjeb li jigi rilevat li minn dak iz-zmien l-imsemmi President tal-Qorti rtira bl-eta` mill-kariga u m'ghadux aktar membru komponent ta' din il-Qorti. Fir-rigward ta' l-Imhallef Joseph D. Camilleri, imbaghad, ir-rikorrent ritrattant irtira formalment l-oggezzjoni tieghu ghal fini tar-rikuza skond verbal datat 18 ta' Novembru 2002 maghmul "seduta stante".

Ir-rikors ta' trattazzjoni gie ittrattat mid-difensuri rispettivi tal-partijiet fit-18 ta' Novembru 2002.

3. Ir-ritrattant Cefai jibbaza t-talbiet tieghu ghar-revoka u ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Appell fuq tlett (3) kapi ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, igifieri:

(i) l-artikolu 811(e): Applikazzjoni hazina tal-ligi;
(ii) l-artikolu 811 (i): Disposizzjonijiet kontra xulxin;
(iii) l-artikolu 811 (l): Zball li jidher mill-atti.

**DWAR L-AGGRAVJU TA' APPLIKAZZJONI HAZINA TAL-LIGI. (art 811 (e) tal-Kap. 12)**

4. In konnessjoni ma' dan l-aggravju ir-ritrattant iressaq "diversi istanzi" li in succint jikkromprendu li gejjin:

(a) ir-ritrattant qatt ma rrinunzja li jressaq il-provi tieghu kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Li gara hu li r-ritrattant ma kienx lest jghaddi ghall-provi tieghu qabel ma l-kontroparti tkun kkonkludiet il-provi taghha. Ghalhekk ma gietx applikata l-procedura legali korrettement.

(b) Il-Qorti ta' l-Appell zbaljatament rabtet l-ilment tieghu dwar nuqqas ta' smiegh xieraq mal-hames (5) eccezzjoni

tieghu meta dan ma kienx il-kaz. B’hekk gara li l-kuncett tas-smiegh xieraq gie applikat minn dik il-Qorti skorrettement. Minbarra dan, dik il-Qorti naqset li tapplika u tirrikonoxxi l-principju ta’ l-audi alterum partem riferibbilment ghall-aggravju specifiku tieghu f’dan il-kuntest.

(c) Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 202 tal-Kap. 12 ma gewx osservati kif suppost. Ghalhekk isegwi li d-disposizzjonijiet tal-ligi fl-artikolu 202(4) (d) li jghidu li “l-attur jipprezenta l-kaz tieghu u l-konvenut iwiegeb ghal dan” ma gewx applikati.

(d) L-attur jikkontradici lilu nnifsu. L-ewwel Qorti pero` emmnet il-verzjoni tieghu u l-Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat dan. Meta sar hekk, isostni r-ritrattant, “giet applikata b’mod hazin” il-ligi procedurali in materja ta’ evidenza.

(e) Billi mill-provi ghandu jirrizulta li l-konvenut ritrattant kien hallas dak li kien dovut l-attur, allura jigi li l-Qorti ta’ Appell applikat hazin il-ligi rigwardanti l-estinzjoni ta’ obbligazzjonijiet.

(f) Is-sentenza applikat il-ligi hazin ghax, in partikolari, kellhom jigu applikati l-artikoli 1196, 1197 u 1198 tal-Kodici Civili dwar it-tpacija, mentri minflok il-Qorti ta’ l-Appell applikat artikoli ohrajn.

(g) Il-Qorti ta’ l-Appell accettat ix-xhieda ta’ l-attur, minkejja li din kienet konfliggjenti bi ksur ta’ l-artikolu 559 tal-Kap. 12.

5. Illi kif tajjeb gie ritenut minn dawn il-Qrati – hekk ara fost hafna ohra sentenza recentissima fil-kawza fl-ismijiet “AIC Joseph Barbara – vs – Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici” moghtija mill-Qorti ta’ l-Appel fis-17 ta’ Frar 2003,

“Illi biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok

ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv (e) nonostante l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta".

Issa r-ritrattant ghadu jilmenta li l-ligi tal-procedura giet interpretata, u ergo applikata hazin, ghaliex skond hu l-attur ma kienx ghadu spicca bil-provi tieghu u allura huwa ma setax jibda jressaq il-provi tieghu. Issa apparti li din l-allegazzjoni ma tirrispekkja xejn dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti, jibqa' l-punt li l-Qorti ta' l-Appell dahlet ukoll funditus biex tikkunsidra din il-lanjanza. Mhux talli dik il-Qorti ma kkunsidratux dan l-ilment fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili imma talli ttimbrat l-agir u l-operat ta' l-appellat bhala wiehed "sfaccat".

Jekk wiehed jifli sew punt punt id-"diversi istanzi" (kif isejhilhom ir-ritrattant) ta' l-allegata applikazzjoni hazina tal-ligi jsib li dawn huma bazikament l-istess ilmenti li tressqu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell – bid-differenza li una volta li dik il-Qorti cahdet dawn l-aggravji, allura l-appellant ritrattant issa "dahhal" ukoll il-Qorti tat-tieni istanza f'dak li suppost gie kondott hazin fil-konfront tieghu minn punto di vista ta' procedura. Lanqas ma hu lecitu ghar-ritrattant li f'dana l-istadju johrog bl-argument li t-tieni Qorti kien messha accettat li saret prova ta' tpacija u li allura kien messha applikat l-artikoli tal-Kodici Civili taht dak l-istitut. Ma huwiex konsentit ghall-ebda wahda mill-partijiet fil-kawza li tinqeda bil-procedura ta' ritrattazzjoni – rimedju eccezzjonali – biex terga tipprova tiftah il-kawza mill-gdid ghax b'dan tigi li qeghda tipprova tohloq ghaliha tribunal tat-tielet istanza.

**DWAR L-AGGRAVJU TA' DISPOSIZZJONIJIET KONTRA XULXIN (art. 811(i) tal-Kap. 12.)**

6. Skond ir-ritrattant, fis-sentenzi moghtija, l-Qrati ta' l-Appell dik il-Qorti l-ewwel "tat hafna importanza li din il-kompensazzjoni ossia tpacija ghall-iskop (sic) li xxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni" izda mbaghad ma tatx decizjoni "komprensiva u definittiva fuq l-eccezzjoni proprja tat-talba esagerata".

Fl-ewwel lok l-uniku "skop" ta' kull Qorti huwa dak li tapplika u tinterpreta sew il-ligi u li tamministra l-gustizzja. Fit-tieni lok diga' intqal li ritrattazzjoni dwar rievalwazzjoni ta' provi u ta' fatti mhix possibli f'dana l-istadju. Mill-bqija, din il-Qorti ma sabet assolutament l-ebda disposizzjonijiet kontra xulxin f'dak li gie deciz. Kieku r-ritrattant ha pacenzja u qara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sa l-ahhar kien jiskopri wkoll x'kienu l-konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti biex waslet ghas-sentenza taghha. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod tirrepeti mill-gdid dak li hemm fiha. Fl-ahhar nett tajjeb li jigi ribadit hawn li l-kontradizzjoni trid tirrizulta fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet (hekk ara sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Busuttil – vs – Mary Gauci et" (Koll. Vol. LXXX-11-188).

**DWAR L-AGGRAVJU LI HEMM ZBALL LI JIDHER MILL-ATTI – (ARTIKOLU 811 (l) TAL-KAP. 12.)**

7. F'dan l-ahhar aggravju, ir-ritrattant jerga' ad nauseam juza l-argument li huwa ma kienx tenut li jressaq il-provi tieghu qabel l-attur jispicca tieghu. Minn din il-premessa mbaghad ir-ritrattant jerga' jirreferi u jidhol fil-meritu tal-fatti biex jasal ghal interpretazzjoni differenti u diversa minn dik raggunta mill-Qorti ta' l-Appell. Jargumenta li dik il-Qorti ghamlet "zball ta' fatt" meta kkonkludiet li r-ritrattant ma kienx qieghed jikkontesta l-quantum tal-kontijiet reklamati mill-kontroparti. "Zball" iehor imbaghad kien li l-Qorti ta' l-Appell ma haditx kollox in konsiderazzjoni meta kkunteggjat l-quantum dovut. Imbaghad jerga' jsemmi l-argument li "bi zball" l-Qorti rabtet l-ilment tieghu dwar nuqqas ta' smiegh xieraq mal-hames eccezzjoni meta dan kien kollu zbaljat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ebda wiehed mill-"izbalji" indikati mir-ritrattant ma jinkwadra ruhu fid-disposizzjoni ta' l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12. L-izball fis-sentenza jrid ikun tali li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u dan fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla dubbju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-

sentenza. Jirrizulta bl-aktar mod evidenti li l-Qorti ta' l-Appell kienet qieset sew din il-kontestazzjoni tar-ritrattant bbazata fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq. Fi kliem iehor kien punt deciz fis-sentenza. Ir-ritrattant jista' jkun li ghadu mhux konvint jew sodisfatt bil-mod kif gie deciz dan l-ilment imma dan ma jaghtix lok ghar-rimedju ta' ritrattazzjoni.

8. Din il-Qorti m'hijiex sejra tittimbra l-procedura intentata mir-ritrattant bhala "sfaccata" imma certament hija tal-fehma li, fid-dawl ta' dak li kien gja' l-isfond procedurali ta' din il-kawza u mill-kontenut tar-rikors ta' ritrattazzjoni, l-ilmenti u t-talbiet tar-ritrattant kienu frivoli u vessatorji u intizi biss biex ikomplu jtawlu kawza li bdiet fl-1988 – igifieri 'l fuq minn erbatax-il sena ilu. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li fic-cirkustanzi l-Qorti jidhrilha li ghandha tissanzjona l-operat abbuziv tar-ritrattant billi tikkundannah ihallas doppjament l-Kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tirrespringi t-talba ghar-ritrattazzjoni bl-ispejjez doppji kontra r-rikorrent ritrattant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------